



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla Estiża) tat-8 ta' Lulju 2020 – CA Consumer Finance vs BĊE

(Kawża T-578/18)

“Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta’ kreditu – Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-BĊE fuq stabbiliment ta’ kreditu – L-ewwel subparagraph tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – Ksur kontinwu tar-rekwiziżiti ta’ fondi proprji – Ksur minħabba negliġenza – Drittijiet tad-difiża – Ammont tas-sanzjoni – Obbligu ta’ motivazzjoni”

1. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Interpretazzjoni – Metodi – Interpretazzjoni letterali, sistematika u teleoloġika*

(ara l-punt 42)

2. *Politika ekonomika u monetarja – Politika ekonomika – Sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni – Mekkaniżmu ta’ sorveljanza unika – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta’ kreditu – Obbligu li jinkiseb il-qbil tal-awtoritajiet kompetenti qabel ma strument ta’ kapital jiġi kkwalifikat bħala strument tal-kategorija 1 – Kunċett ta’ qbil tal-awtoritajiet kompetenti – Portata (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 575/2013, Artikolu 26(3))*

(ara l-punti 43-47, 52-57)

3. *Rikors għal annullament – ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Linji gwida ta’ awtorità amministrattiva – Natura vinkolanti – Assenza (Artikolu 19 TUE)*

(ara l-punt 59)

4. *Politika ekonomika u monetarja – Politika ekonomika – Sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni – Mekkaniżmu ta’ sorveljanza unika – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta’ kreditu – Ksur kontinwu tar-rekwiziżiti ta’ fondi proprji – Ksur minħabba negliġenza – Kunċett – Portata (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 575/2013, Artikolu 26(3); Regolament tal-Kunsill Nru 1024/2013, Artikolu 18(1))*

(ara l-punti 65-70, 74-81)

5. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Princípji – Drittijiet tad-difíza – Applikazzjoni għal kull proċedura miftuħha fir-rigward ta' persuna u li tista' twassal għal att li jikkawża preġudizzju lil din tal-aħħar – Princípju li għandu jiġi żgurat anke fl-assenza ta' kwalunkwe regolament li jirregola l-proċedura inkwistjoni*

(ara l-punt 89)

6. *Politika ekonomika u monetarja – Politika ekonomika – Sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni – Mekkaniżmu ta' sorveljanza unika – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta' kreditu – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet – Kontenut neċċesarju – Rispett tad-drittijiet tad-difíza – Kriterji ta' evalwazzjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1024/2013, Artikolu 22(1); Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew Nru 468/2014, Artikolu 126)

(ara l-punti 94-98)

7. *Rikors għal annullament – Motivi – Ksur tar-rekwiżiti formali esenzjali – Insuffiċjenza ta' motivazzjoni – Eżami ex officio mill-qorti – Obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' kontradittorju*  
(Artikoli 263 u 296 TFUE)

(ara l-punti 110, 111)

8. *Politika ekonomika u monetarja – Politika ekonomika – Sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-Unjoni – Mekkaniżmu ta' sorveljanza unika – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta' kreditu – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-Bank Ċentrali Ewropew – Ammont – Setgħa diskrezzjonal tal-Bank Ċentrali Ewropew – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata – Deċiżjoni insuffiċjentement preċiża rigward il-metodoloġija applikata u l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tas-sanzjoni – Regolarizzazzjoni matul il-proċedura kontenzuża – Inammissibbiltà – Motivazzjoni insuffiċjenti*

(Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1024/2013, Artikolu 18(1) u (3))

(ara l-punti 116-126, 130-141)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ECB/SSM/2018-FRCAG-77 tal-BĊE tas-16 ta' Lulju 2018 meħuda abbażi tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompli speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), u li timponi fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja amministrattiva ta' ammont ta' EUR 200 000 għal ksjur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi propriji previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifikasi ĠU 2013, L 208, p. 68, u ĠU 2013, L 321, p. 6).

## **Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni ECB/SSM/2018-FRCAG-77 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tas-16 ta' Lulju 2018 hija annullata sa fejn timponi fuq CA Consumer Finance sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 200 000.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) CA Consumer Finance hija kkundannata tbat i l-ispejjeż tagħha.
- 4) Il-BĊE huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu.